A.L. 179 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 BIEX IĦAJJAR PERSUNI JSIRU SID DARHOM (ATT NRU. XXVIII TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1991 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1988 biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom, iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità tad-Djar, bl-appro.azzjoni tas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali b'responsabbiltà għad-Djar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern). Titolu.

2. L-Iskema msejħa Skema ta' l-1991 għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern (Skema Ġ) fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sabiex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom f'Malta u għandha tagħlaq sena wara dik id-data. Għemil ta' l-Iskema.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1990 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern) huma b'dan imħassra. Tħassir ta' A.L. 139.

SKEDA

(Regolament 2)
Skema ta' l-1991 għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern
(Skema Ġ)

1. Din l-Iskema tista' tissejjaħ l-Iskema ta' l-1991 għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern (Skema Ġ) u għandha tapplika għal applikazzjonijiet għax-xiri ta' djar ta' abitazzjoni li huma proprjetà tal-Gvern minn persuni li għalihom tapplika din l-Iskema. Titolu.

2. F'din l-Iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:— Tifsir.

"applikant" tfisser persuna li tapplika għax-xiri ta' dar ta' abitazzjoni tal-Gvern taħt din l-Iskema;

"l-Att" b'riferenza għall-klawżola 12 ta' din l-Iskema għandha l-istess tifsira mogħtija lilha f'dik il-klawżola;

"l-Att prinċipali" tfisser l-Att ta' l-1988 biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar; Att XV ta' l-1976.

"benefiċjarju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali;

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"*income* totali fis-sena" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fis-subklawżola (3) tal-klawżola 5 ta' din l-Iskema;

"kerrej rikonoxxut" tfisser persuna li jkollha dar ta' abitazzjoni tal-Gvern b'titolu ta' kirja mill-Gvern u rikonoxxuta bħala tali mill-Gvern;

"preskritt" tfisser preskritt bl-Awtorità;

"residenza ordinarja" ma tinkludix residenza tas-sajf;

"sena bażi" tfisser is-sena minnufih qabel is-sena li fiha ssir applikazzjoni taħt din l-Iskema u b'riferenza għas-subklawżola (5) tal-klawżola 8 tfisser is-sena minnufih qabel is-sena li fiha tkun dovuta li ssir reviżjoni taħt dik is-subklawżola.

Applikazzjonijiet għax-xiri.

3. (1) Kull min jikkwalifika biex jagħmel hekk taħt din l-Iskema jista' jagħmel applikazzjoni fuq il-formola preskritta lill-Awtorità biex jitlob li jixtri dar ta' abitazzjoni tal-Gvern li tagħha huwa l-kerrej rikonoxxut u li hija okkupata minnu bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

(2) Persuna tikkwalifika biex tapplika taħt din l-Iskema meta, fid-data ta' l-applikazzjoni:

(a) l-applikant, jew mart jew żewġ l-applikant fil-każ ta' koppja miżżewġa, ikun ċittadin ta' Malta; u

(b) l-applikant u mart jew żewġ l-applikant, u l-għarusa jew l-għarus ta' l-applikant ikunu residenti ta' Malta u jkun ilhom hekk residenti kontinwament għal mhux inqas minn tnax-il xahar konsekuttivi minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni.

(3) Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-Iskema jekk l-applikant jew mart jew żewġ l-applikant ikunu diġa bbenefikaw taħt:

(a) xi waħda mill-iskemi ppubblikati permezz tan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Numri 11 u 12 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar, 1987; jew

(b) l-iskema ppubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 138 fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Frar, 1987; jew

(ċ) xi waħda mill-iskemi ppubblikati bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Numri 124, 126, 127, 128, 129 u 130 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988; jew

(d) xi waħda mill-iskemi ppubblikati bl-Avviżi Legali Numri 137, 138, 139 u 140 fis-suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru, 1990; jew

(e) xi għajnuna taħt dik li kienet magħrufa bħala "l-Iskema tal-*Home Ownership*" jew xi għajnuna oħra biex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jew mid-Dipartiment ta' l-Art jew mill-Awtorità jew minn uħud minnhom flimkien.

(4) Persuna wkoll ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-Iskema jekk tkun akkwistat art mill-Gvern li kienet ġiet esproprjata bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini. Att I ta' l-1983.

(5) Persuna li, mal-bidu fis-seħħ ta' din l-Iskema, ikollha applikazzjoni pendenti taħt xi waħda mill-iskemi ppubblikati bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Numri 127 u 128 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988, u/jew bl-Avviżi Legali Numri 139 u 140 ta' l-1990 ippubblikati fis-suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Settembru, 1990 tista', kemm-il darba ma tkunx daħlet fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ ma' l-Awtorità dwar dik l-applikazzjoni, tirrinunzja dik l-applikazzjoni u tagħmel applikazzjoni taħt din l-Iskema fuq il-pagament tal-ħlas amministrattiv li hemm provdut għalih fil-klawżola 13 u dak il-ħlas ma jkunx rifondibbli.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (3) ta' din il-klawżola, persuna li tibbenefika, jew tikkwalifika li tibbenefika, taħt din l-Iskema ma tiġix skwalifikata għal dik ir-raġuni waħedha milli tibbenefika, wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, taħt l-Iskema pubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 124 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1988 jew taħt xi skema oħra li tissostitwixxiha.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (1) tal-klawżola 13, kull spejjeż magħmula mill-applikant f'konnessjoni ma' l-applikazzjoni tiegħu ma jkunux jistgħu jinġabru lura mill-applikant sew jekk l-applikazzjoni tiegħu tiġi aċċettata sew jekk le.

4. Applikant li jkun legalment mifrud mill-mara/mir-raġel għandu jippreżenta kopja tad-deċiżjoni finali tal-qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja ta' l-att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin bl-awtorità tal-qorti kompetenti. Miżżewġin legalment mifrudin.

5. (1) Għall-finijiet ta' din l-Iskema, l-*income* ta' l-applikant għandu jinkludi: *Income* totali fis-sena.

(a) il-qliegħ jew profitti gross minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni;

(b) qliegħ jew profitti gross minn xi impieg jew uffiċċju;

(ċ) qliegħ jew profitti gross minn bejgħ ta' xi proprjetà jew mit-tħaddim ta' xi impriża jew skema li tagħmel profitti;

(d) dividendi, imgħax jew skonti;

(e) kull pensjoni, *charge*, somma fis-sena jew ħlas fis-sena;

(f) kera, *royalties, premiums* u kull profitt ieħor li jkun hemm minn proprjetà;

(ġ) il-valur ta' prodott riċevibbli dwar l-użu ta' kapital, proprjetà, żrieragħ jew annimali għall-iskop tal-biedja jew tat-trobbija jew kull sehem minn profitti riċevibbli dwar dak l-użu;

(ħ) kull benefiċċju jew *allowance* soċjali;

(i) kull qliegħ jew profitti li jaqgħu taħt id-deskrizzjonijiet fil-paragrafi ta' qabel dan ta' din is-subklawżola barra minn dawk fil-paragrafi (a) u (b), magħmula mill-mara/ir-raġel jew l-għarusa/l-għarus ta' l-applikant;

(j) ħamsin fil-mija (50%) tal-qliegħ jew profitti li jaqgħu taħt xi waħda mid-deskrizzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) ta' din is-subklawżola magħmula mill-mara/ir-raġel jew l-għarusa/l-għarus ta' l-applikant;

(k) kull qliegħ jew profitti oħra.

(2) Meta l-applikant, u fil-każ ta' koppja miżżewġa jew għarajjes, l-applikant jew martu/żewġha jew l-għarusa/l-għarus tiegħu jew tagħha, jew it-tnejn, ikun jew ikunu ħadmu bi qliegħ kif provdut fil-paragrafi (a) u (b) tas-subklawżola (1) ta' din il-klawżola matul parti biss mis-sena bażi, il-qliegħ jew profitti għas-sena bażi kollha jiġu kalkolati billi l-qliegħ jew profitti minn dik il-ħidma bi qliegħ u li jkunu saru matul il-parti msemmija mis-sena bażi mill-applikant u/jew martu/żewġha jew l-għarusa/l-għarus tiegħu jew tagħha, jew it-tnejn, jiġu proġettati għas-sena bażi kollha.

(3) L-*income* totali fis-sena ta' l-applikant għandu jkun l-*income* ta' l-applikant stabbilit skond is-subklawżoli ta' qabel din, li minnu tiġi mnaqqsa s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000).

Tagħrif.

6. (1) L-applikant għandu jagħti dak it-tagħrif kollu dwar il-mezzi finanzjarji tiegħu skond kif jista' jiġi mitlub li jagħti mill-Awtorità u għal dan il-għan l-applikant għandu jawtorizza lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u lil kull persuna oħra skond kif ikun meħtieġ, biex jagħtu lill-Awtorità kull tagħrif dwar l-*income* ta' l-applikant matul is-sena bażi.

(2) L-Awtorità tista' titlob lill-applikant biex jiffirma kull dikjarazzjoni li hija tista' tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-Iskema u l-applikant għandu jippermetti lill-Awtorità tispezzjona r-residenza ordinarja tiegħu u kull fond ieħor miżmum minnu skond kif l-Awtorità tista' titlob.

Prezz tax-xiri.

7. (1) Meta l-*income* totali fis-sena ta' l-applikant fis-sena bażi ma jaqbiżx sitt elef lira Maltija (Lm6,000) il-prezz tax-xiri għall-proprjetà assoluta ta' dar ta' abitazzjoni tal-Gvern għandu jkun il-valur fis-suq ħieles ta' dik id-dar ta' abitazzjoni kif stabbilit mill-Awtorità, imnaqqas

kif muri fit-tieni kolonna tat-Tabella A annessa ma' din l-Iskema fi proporzjon ma' l-*income* totali fis-sena ta' l-applikant kif muri fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Tabella, suġġett għas-subklawżola (3) ta' din l-klawżola.

(2) Meta l-*income* totali fis-sena ta' l-applikant fis-sena bażi jaqbeż is-sitt elef lira Maltija (Lm6,000), il-prezz tax-xiri tad-dar ta' abitazzjoni għandu jkun il-valur fis-suq ħieles tagħha kif stabbilit mill-Awtorità mnaqqas, fejn applikabbli, u sa l-ewwel erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000) ta' l-imsemmi valur, b'wieħed fil-mija (1%) tiegħu għal kull sena shiħa li l-applikant ikun rikonoxxut bħala l-kerrej tad-dar ta' abitazzjoni sa massimu ta' għoxrin (20) sena.

(3) Il-prezz imnaqqas tax-xiri muri fit-tieni kolonna tat-Tabella A annessa ma' din l-Iskema għandu jiġi wkoll imnaqqas aktar b'wieħed fil-mija (1%) tiegħu għal kull sena shiħa li l-applikant ikun rikonoxxut bħala l-kerrej tad-dar ta' abitazzjoni sa massimu ta' għoxrin sena.

(4) Meta l-valur fis-suq ħieles tad-dar ta' abitazzjoni kif stabbilit mill-Awtorità jaqbeż l-erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000), iżżejjed jitħallas mingħajr ebda tnaqqis kif provdut fis-subklawżoli ta' qabel ta' din il-klawżola.

Ħlas tal-prezz tax-xiri.

8. (1) Għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tax-xiri ffissat skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema għandhom jitħallsu akkont ta' l-imsemmi prezz mill-applikant mal-ftehim tal-weġħda ta' bejgħ ma' l-Awtorità iżda l-ammont hekk imħallas ma jkunx jista' jinġabar lura mill-applikant kemm-il darba huwa jonqos, għal xi raġuni, li jikkonkludi l-att ta' bejgħ ma' l-Awtorità.

(2) Il-bilanċ tal-prezz tax-xiri għandu jitħallas ma' l-att ta' bejgħ li jkun sar bejn l-applikant u l-Awtorità. Jekk applikant ma jagħmilx użu mid-dritt tiegħu li jissellef parti mill-prezz kif previst fis-subklawżola (3) ta' din il-klawżola jitnaqqsulu għaxra fil-mija (10%) mill-prezz tax-xiri stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema u dan it-tnaqqis isir mill-prezz tax-xiri kif imnaqqas skond id-dispożizzjonijiet tas-subklawżoli (2) u (3) tal-klawżola 7 ta' din l-Iskema.

(3) L-applikant jista' jissellef parti mill-prezz tax-xiri minn istituzzjoni finanzjarja approvata mill-Awtorità iżda l-ammont tas-self ma għandux jaqbeż il-limitu mniżżel fir-raba' kolonna tat-Tabella B annessa ma' din l-Iskema skond l-*income* totali fis-sena ta' l-applikant kif muri fit-tieni kolonna ta' l-imsemmija Tabella, u għandu jitħallas lura f'pagamenti fix-xahar f'perijodu massimu ta' ħamsa u għoxrin sena mid-data ta' l-att ta' bejgħ jew mhux aktar tard mid-data li fiha huwa jagħlaq il-ħamsa u sittin sena, skond liema tiġi l-ewwel.

(4) Meta l-applikant ikun kiseb self skond is-subklawżola (3) ta' din il-klawżola, l-Awtorità tissussidja l-imgħax li jitħallas fuq is-self hekk li l-imgħax pagabbli mill-applikant ikun bir-rata murija fit-tielet kolonna tat-Tabella B annessa ma' din l-Iskema. Ebda sussidju ma jitħallas meta l-*income* totali fis-sena ta' l-applikant għas-sena bażi jaqbeż il-ħamest elef lira Maltija (Lm5,000).

(5) Ir-rata ta' imghax li titħallas mill-applikant kif intqal qabel tiġi riveduta mill-Awtorità kull sentejn fuq il-bażi ta' l-*income* totali fis-sena għas-sena bażi u l-ammont tas-sussidju li jitħallas mill-Awtorità jiġi wkoll rivedut skond hekk. L-ewwel reviżjoni tkun dovuta li ssir fl-1 ta' Lulju, 1993.

(6) L-Awtorità għandha tassigura li meta l-*income* totali fis-sena tax-xerrej f'xi sena waħda jkun anqas minn elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1,700) il-ħlas tal-pagamenti fix-xahar li jkunu dovuti li jsiru bħala ħlas lura ta' xi self kif imsemmi qabel jiġi sospiż għal perijodu ta' sa tliet xhur liema perijodu jista' jiġi estiż b'perijodi oħra ta' tliet xhur basta li x-xerrej ikompli jħallas ir-rata ta' imgħax pagabbli minnu taħt din l-Iskema.

Trasferiment mill-benefiċjarju.

9. (1) Kull dar ta' abitazzjoni mixtrija taħt din l-Iskema ma għandhiex tiġi trasferita taħt xi titolu, ħlief għal *causa mortis*, mill-benefiċjarju kemm-il darba dan ma jħarisx id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola.

(2) Meta t-trasferiment ikun se jsir fi żmien għaxar snin mid-data ta' l-att ta' bejgħ konkluż ma' l-Awtorità, il-benefiċjarju għandu, qabel ma jsir it-trasferiment, iħallas lill-Awtorità u lill-istituzzjoni finanzjarja approvata minnha taħt din l-Iskema, skond il-każ, il-valur sħiħ jew parti mill-valur ta' xi sussidju u ta' xi ammont imnaqqas mill-valur fis-suq ħieles tad-dar ta' abitazzjoni taħt din l-Iskema kif imniżżel fit-tieni kolonna tat-Tabella Ċ annessa ma' din l-Iskema.

(3) Meta t-trasferiment tad-dar ta' abitazzjoni mixtrija taħt din l-Iskema ikun se jsir wara għaxar snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgħ konkluż ma' l-Awtorità, il-benefiċjarju ma jagħmel ebda ħlas kif previst fis-subklawżola (2) ta' din il-klawżola iżda għandu jagħti lill-Awtorità avviż ta' xahar tal-ħsieb tiegħu li jitrasferixxi l-imsemmija dar ta' abitazzjoni u l-Awtorità minnufih ittemm kull arranġament għas-sussidju taħt din l-Iskema ta' xi imgħax pagabbli mill-benefiċjarju.

Ħelsien mit-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni.

10. Ħelsien kif provdut fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali huwa b'dan mogħti mal-mewt tal-benefiċjarju, u meta l-benefiċjarju jkun miżżewweġ fil-waqt ta' l-akkwist tad-dar ta' abitazzjoni, ukoll mal-mewt ta' mart jew żewġ il-benefiċjarju, dwar xi dar ta' abitazzjoni mixtrija minn benefiċjarju taħt din l-Iskema u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dak l-Att għandhom għalhekk japplikaw għaliha:

Iżda l-ħelsien tuq imsemmi għandu japplika biss dwar l-ewwel sebat elef lira Maltija (Lm7,000) tal-valur tad-dar ta' abitazzjoni.

Dritt li dar ta' abitazzjoni titneħħa mill-kontroll.
Kap. 158.

11. Huwa b'dan mogħti d-dritt li wieħed jirreġistra taħt l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar dar ta' abitazzjoni mixtrija minn benefiċjarju taħt din l-Iskema u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandhom għalhekk japplikaw għaliha.

Ħelsien mit-taxxa fuq dokumenti.
Att XXXI ta' l-1981.

12. It-trasferiment ta' dar ta' abitazzjoni lil benefiċjarju taħt din l-Iskema jkun eżenti mit-taxxi li ġejjin taħt l-Att ta' l-1981 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din il-klawżola imsejjaħ "l-Att":—

(a) it-taxxa taħt it-Titlu III tat-Taqsima III ta' l-Att dwar xi ammont imnaqqas skond din l-Iskema mill-valur fis-suq ħieles tad-dar ta' abitazzjoni trasferita;

(b) it-taxxa taħt it-Titlu IV tat-Taqsima III ta' l-Att dwar xi stima jew valutazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni magħmula mill-Awtorità jew f'isem l-Awtorità għall-finijiet ta' din l-Iskema.

Ħlas amministrattiv u applikazzjonijiet abbandunati.

13. (1) Kull applikazzjoni taħt din l-Iskema għandha tiġi preżentata personalment jew bil-posta reġistrata mill-applikant lill-Awtorità u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma jkunx hemm magħha is-somma ta' għoxrin lira Maltija (Lm20) bħala ħlas amministrattiv li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subklawżola (5) tal-klawżola 3 u suġġett għas-subklawżola (2) ta' din il-klawżola, jitħallas lura lill-applikant ma' l-att ta' bejgħ.

(2) Meta xi applikant taħt din l-Iskema jonqos li jidher għall-ftehim tal-weġħda ta' bejgħ jew għall-att ta' bejgħ, skond il-każ, meta jkun imsejjaħ biex jagħmel hekk mill-Awtorità, l-applikazzjoni tiegħu titqies li tkun ġiet abbandunata u l-ħlas amministrattiv imsemmi fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola ma jkunx jista' jinġabar lura mill-applikant.

Piena għal dikjarazzjonijiet foloz.

14. (1) Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikant ikun għamel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' xi applikazzjoni magħmula minnu taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema l-applikant, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huwa jkun seta' sar suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, ikun obbligat li jħallas lill-Awtorità piena ekwivalenti għas-somma totali ta' xi sussidju u ta' xi ammont imnaqqas mill-valur fis-suq ħieles tad-dar ta' abitazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

(2) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza kif provdut fis-subklawżola (1) ta' din il-klawżola tiġi skwalifikata għal perijodu ta' ħames snin milli tibbenefika minn xi skema magħmula bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari responsabbli għad-djar.

Projbizzjoni tal-bejgħ fl-interess pubbliku.

15. L-Awtorità ma tapprovax il-bejgħ, taħt din l-Iskema, ta' dar ta' abitazzjoni li, fuq il-parir tal-Ministru responsabbli għall-kultura, ma għandhiex fl-interess pubbliku tinbiegħ minħabba fl-antikità tagħha.

Dritt ta' rifjut u ta' rivalutazzjoni.

16. Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjoniiet ta' qabel ta' din l-Iskema, l-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

TABELLA A

(Klawżola 7)

L-Ewwel Kolonna *Income* Totali fis-Sena ta' l-Applikant f'Liri Maltin			It-Tieni Kolonna Prezz tax-Xiri tad-Dar ta' Abitazzjoni
0	–	1.500	25% tal-valur
1.501	–	2.000	30% tal-valur
2.001	–	2.500	35% tal-valur
2.501	–	3.000	40% tal-valur
3.001	–	3.500	45% tal-valur
3.501	–	4.000	50% tal-valur
4.001	–	4.500	55% tal-valur
4.501	–	5.000	60% tal-valur
5.001	–	5.500	70% tal-valur
5.501	–	6.000	80% tal-valur

TABELLA B

(Klawżola 8)

L-Ewwel Kolonna Kategorija	It-Tieni Kolonna *Income* totali fis-sena f'Liri Maltin			It-Tielet Kolonna Imgħax li Jitħallas mill-Applikant	Ir-Raba' Kolonna Limitu ta' Self f'Liri Maltin
A	0	–	1,500	1.0%	4,000
B	1,501	–	2,000	2.0%	4,000
Ċ	2,.001	–	3,000	3.0%	4,000
D	3,001	–	4,000	4.5%	5,000
E	4,001	–	5,000	6.0%	5,000

TABELLA Ċ

(Klawżola 9)

L-Ewwel Kolonna Żmien fi Snin wara d-Data ta' L-Att ta' Bejgħ ma' l-Awtorità	It-Tieni Kolonna Ħlas Lura ta' Sussidji, Tnaqqis, ecc.
Inqas minn 4	100%
4 jew iżjed iżda inqas minn 5	90%
5 jew iżjed iżda inqas minn 6	80%
6 jew iżjed iżda inqas minn 7	70%
7 jew iżjed iżda inqas minn 8	50%
8 jew iżjed iżda inqas minn 9	30%
9 jew iżjed iżda inqas minn 10	10%